**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 38

30 **ta’ Novembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 30 ta’ Novembru 2021 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Malcolm Gatt - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 38 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **38.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl ta’ apolġija mibgħuta mill-kunsillier is-Sur Malcom Gatt. |
| **38.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 38.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 37 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta’ imejl. Il-minuti numru 37 ġiet approvata mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard.. |
| **38.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 38.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar imejl li intbgħatet minn residenta sabiex tkun tista tuża l-grawnd biex jilgħabu t-tfal tagħħha nhar ta’ Sibt fis-6pm. Is-Sindku issuġġerixxa li din is-sinjura tħallas €10 dirett lil min ikun ser jiftaħ il-gate tal-grawnd tal-futbol u jagħlaq wara sabiex ikun hemm xi ħadd responsabli. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 38.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li hemm bżonn tinġabar kwotazzjoni sabiex jiġi tranġat il-bieb u t-twieqi tal-letrina tal-Gardjola. Il-Kunsill irċieva l-ewwel kwotazzjoni minn għand Stephen Bonello għal €900. Is-Sindku informa lil kunsilliera wkoll li hemm bżonn li l-kunsill jiġbor kwotazzjoni sabiex issir il-membraine / water proofing għal bejt tal-uffiċċini tal-kunsill. |
| 38.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar dehra li kellu l-qorti dwar kawża kontra l-WSC fis-sena 2020 minħabba li kien nieżel l-ilma ġewwa garaxx ix-xatt. L-Onor. Imħallef Neville Camilleri ra dan ir-rikors fil-15 ta’ Novembru 2021. |
| 38.03.04 | Is-Sindku ressaq Cirk AKL 2021/10 li ġiet mibgħuta mill-Akl dwar l-ikel għal qtates. L-iskrivana bagħtet id-dettalji tal-Cat Feeders fil-lokalita bil-permess tagħhom sabiex ikunu jafu lil min għandu jitqassam dan l-ikel għal-qtates. |
| 38.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti li reġgħet ħarġet it-tender għal pavimentar ta’ Triq Sant Anġlu għaliex it-tender li għalqet fil-5 ta’ Novembru 2021, ma kienx hemm l-ebda kuntrattur li tefa’ din it-tender.It-Tieni tender ġiet ippublikata fil-25 ta’ Novembru 2021 u ser terġa’ tinfetaħ għas-6 ta’ Jannar 2022. |

| | |
|---|---|
| 38.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li huwa flimkien mas-segretarju iltaqgħu mas-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing Department sabiex issir xogħol fil-funtana tal-Gardjola, dan ix-xogħol sar u ġiet taħdem kif suppost. Il-ħaddiema ta' dan id-dipartiment żebgħu din il-funtana minn ġewwa u minn barra u sar xi xogħol fuq xi ċangaturi, kemm madwar il-funtana kif ukoll ma l-art. Is-Sur Deguara bagħat żewġ kenniesa extra sabiex jikinsu Triq is-Sur, ix-Xatt u fejn il-knisja minħabba l-weraq li jwaqgħu is-siġar. |
| 38.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar Christmas Party fil-11 ta' Diċembru 2021 , li ser jorganizza l-Akl sabiex min hu interessat jibgħat biex jirriserva post. |
| 38.03.08 | Is-Sindku kellu laqgħa online dwar l-isports u l-attivitajiet li qed issiru mill-kunsill lokali fejn spjega li l-kunsill qed jorganizza pilates, yoga u aerobics u fitness classes. Dawn jiġu organiżżati fis-sala tal-kunsill u meta t-temp jippermeti jsiru fil-ġnien tal-gardjola u fil-grawnd tal-futbol. |
| 38.03.09 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li saret l-attivita mal-Community Officers fuq iz-zuntier tal-knisja fejn tqassmu *leaflets* ta' kif jinħareġ l-iskart u biex jinkoraġġixu r-residenti jiltaqgħu mal-puluzija fejn hemm bżonn sabiex jitolbu l-għajnuna meħtieġa. |
| 38.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill ma ħax fondi għall-attivitajiet marbuta mal-Milied iżda xorta ser issiru diversi wirjiet. Ser ikun hemm presepju fil-Pjazza 4 ta' Settembru quddiem il-każin tal-banda, u wirja fil-kandlora. Id-dawl ser jinxtgħel fit-toroq fl-4 ta' Diċembru 2021. Ser ikun hawn Father Christmas iddur mat-toroq b'kollaborazzjoni mal-għaqda żgħażagħ. Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ser jingħata € 2000 minn għand Palombo Ship Repair Yard sabiex jintużaw għal-attivitajiet tal-Milied. Il-Festin tal-anzjani ser issir ġewwa is-seda fid-19 ta' Diċembru 2021 u l-ikla għal -familja kollha ser issir fit-22 ta' Diċembru 2021 fin-Nigret Night Club. Il-Maċina Sheer Bastion ser jagħti donazzjoni ta' €500 għal festin tat-tfal għal-Milied li ser issir fil-Bird Park fit-28 ta' Diċembru u fid-29 ta' Diċembru issir il-Christmas Party tal-Uffiċċju. |
| 38.03.11 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li sareta laqgħa mal-Ministru Ian Borg ġewwa l-Esplora dwar il-proġett tal-port il-Kbir mir-Reġjun Xlokk fejn iddiskutew dwar ir-regatta u l-parkeġġ għar-residenti fejn ser tkun fuq il-White Paper biex jiġu regoli ġodda, eż parkeġġ bl-arloġġ għar-residenti ser jikkonsidrawa. |
| 38.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir Maratona li ser ikun jisimha La Vallette Malta li ser issir F' April 2022, fejn din il-maratona ser taddi mill-Isla. |

| | |
|---|---|
| 38.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellem lid-direttorat tar-restawr dwar il-ħsara li hemm maċ-ċint tal-Ġnien il-Gardjola. Iżda d-direttur is-Sur Norbert Gatt informa lis-sindku li din il-ħsara ma taqax taħt ir-responsabilita' tad-direttorat tar-restawr u issuġerixxa li jinforma lill-Awtorita' tal-Artijiet jew jagħmel rapport l-għassa sabiex issir rapport tekniku mill-perit tal-għassa, skond il-proċeduri stabiliti. Is-Sindku bagħat imejl lil Sinj. Dale Grech. |
| 38.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru ser issir laqgħa mal-Perit Fleur u CEO tal-Planning Authority u l-NGO's sabiex tiġi varata l-app, biex titniżżel din l-app trid titniżżel mil-Playstore minn fuq Android Healthy Cities Malta , wara l-mixja ser jieqfu il-Ġnien tal-Gardjola sabiex jieħdu kafe u xi ħaġa żgħira. |
| 38.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li bagħtna formola lit-TM sabiex ikollna parkeġġ fi Triq San Ġużepp sakemm issir ic-charging pillar max-xogħol li qed issir mill-GHRC, sabiex meta issir ic-charging Pillar fil-parkeġġ ta' fejn Sheer Bastion issir parkeġġ għall-Van tal-Kunsill bil-permess tat-Transport Malta. |
| 38.03.16 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera dwar is-servizz li ser jibda joffri l-kunsill bil-van tal-kunsill. Dan is-servizz ser ikun għall-anzjani jew persuni b'dizzabilita sabiex iwassalhom għall kliniċi , servizzi soċjali jew banek waqt il-ħin tal-uffiċċju b'appuntament. Ser ikun hemm 5 points minn fejn ir-residenti jistgħu jaqbdu l-van li huma minn fejn il-Knisja tal-Vitorja, mill-Venda 4 ta' Settembru , minn fejn il-Knisja ta' San Filippu , minn fejn il-letrina tax-xatt u minn fejn it-Terrace Houses. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan il-komunikat. |
| 38.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li kellha laqgħa mal-Perit Albert Spiteri dwar l-ispralli ta' Triq is-Sur minħabba lil kien hemm xi persuni li kienu qed jilmentaw li qed ikollhom kwantita ta' ilma fil kantina jew garaxx tagħhom minn mindu saret it-triq. Il-Perit reġa' assigura l-kunsill li l-ispralli u sistema tad-dranaġġ hija kollha tajba, iżda hemm bżonn li jsir aktar knies ta' spiss minħabb l-weraq li jaqa' mis-siġar u jsoddu dawn l-istess spralli. |
| 38.03.18 | Is-Sindku, informa lil kunsilliera li l-kunsill ġabar €1460 mill-attivita tal-Fun Run li intbgħatu mill-ewwel fl-uffiċċini tal-AKL. |
| 38.03.19 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li is-segretarju eżekuttiv infurmat lil perit Owen Baldacchino sabiex jieħu ħsieb il-permessi meħtieġa biex issir il-lift fi Triq l-Arkati għall Triq is-Sirena. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li tibgħat l-applikazzjoni għal fondi għat-tieni fażi għal-Finanzjament ta' Pġroġetti Kapitali – Aċċesibilita' u Mobilita' – SPI / SCI/ 3/2020 |

| | |
|---|---|
| 38.03.20 | Is- Sindku informa lil kunsilliera li iltaqa mal-Perit Zerafa Boffa sabiex il-perit joħroġ BOQ għall-applikazzjoni ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-gvern SPI/SCI/7/2021, sabiex jiġi irranġat id-dawl tax-xatt jew issir mill-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet din l-applikazzjoni. |
| 38.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mas-Sur George Douglas Saliba sabiex il-Kunsill tal-Isla ikun parti mill-proġett pilota Zero Waste Future Project. Is-Sur Douglas ser jara jistax issir xi reċċiklar bil-kaxxi tal-kartun tal-ħwienet bħal ma jsir għal fliexken tal-plastic. |
| 38.03.22 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li ser issir xi xogħol fuq it-tlett skallijiet li hemm fix-xatt tal-Isla u għandhom bżonn li jressqu xi żewġ dagħjjes u karrijiet li hemm biswit l-iskall. Is-Sindku bagħat il-kuntatti tal-president tal-għaqda dilettanti sajjieda u barklori is-Sur Clayton Fiteni lis-Sur Mario Ellul tal-Public Works Department. |
| 38.03.23 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar il-blokkok tal-gvern li għad baqa' biex ikun hemm il-manutenzjoni tal-komun. Il-Kunsill bagħat ċirkolari f'dawn il-blokkok li baqa' iżda ħadd ma irrisponda biex ikun hemm amministratur biex jieħu ħsieb il-komun. |
| 38.03.24 | Is-sindku iltaqa' ma persuna li kellmu dwar studju dwar il-ġwiebi li hemm fil-parkeġġ ta' quddiem Sheer Bastion. Is-Sindku tkellem mal-GHRC biex jaraw jekk dawn il-ġwiebi jistgħux jiġu salvati. Dan il-proġett qed jistenna mill-heritage sabiex jitkompla dan il-proġett. |
| 38.03.25 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mir-Reġjun Xlokk CIR 03/2021 dwar postijiet vakanti mal-Kunsilli Reġjonali biex jitella' biex jitella' fuq il-media soċjali tal-Kunsilli Lokali fi ħdan Reġjun Xlokk. |
| 38.03.26 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta minn għand is-Sur Chris Cousin sabiex issir laqgħa mal-Kummissjoni Festa Esterna sabiex jitħejju iċ-ċelebrazzjonijiet għall-festa 2022. |
| 38.03.27 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand is-Sinj Sammut Astrid mid-dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-kunsill ġie infurmat li ġie rimborsat għas-sistema onlajn l-ammont ta' € 5177. |
| 38.03.29 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat sabiex il-kunsilliera japprova d-data għall-laqgħa pubblika sabiex issir fl-14 ta' Diċembru fis-6.30pm. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din id-data biex issir il-laqgħa pubblika. |
| 38.03.30 | Is-Sindku ressaq imejl datata 17 ta' Novembru mibgħuta mill- PA, dwar permess numru PA/08049/21 dwar demoluzzjoni ta' ħitan għal ħanut |

| | |
|---|---|
| | ta’ klass 4B, apperturi fil-faċċata, użu ta’ wc u kċina u bidla tal-klassi tal ħanut minn B għall Ċ fejn ma jistax issir tisjir. Il-Ħanut huwa ta’ Iżakk Spiteri, Ħanut numru 4 Blokk 5A Triqi is-Sur k/m Triq San Mikiel L-Isla. |
| **38.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 38.4.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Corinne Buhagiar nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>X’sar dwar il-proposta tal-pedestal tal-ġebla tal-franka u l-iskultura tal-bronż li timmarka tmiem il-Gwerra Bierda u li titqiegħed fi Ġnien il-Gardjola.<br><br>Is-sindku irrisponda li saret din il-laqgħa fil-25 ta’ Novembru 2021 fi Ġnien il-Gardjola fejn il-Ministru ta’ l-Affarijiet Barranin u Ewropew l-Onorevoli Evarist Bartolo stieden lis-sindku sabiex tiġi mikxufa din l-iskultura tas-Sur Gregory Pototsky għall-okazzjoni tat-32 sena mill-anniversarju tas-summit li kien sar f’ Malta bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Sovietika f’dak il-perjodu. Mar kollox tajjeb u din l-okazzjoni ġiet rekordjata fuq il-paġna ta’ Face Book tal-Kunsill Lokali tal-Isla. |
| **38.5** | **Rapporti** |
| **38.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b’imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta’ Novembru 2021 fejn ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Joeline Attard u s-sekondati mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **38.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 38.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 11 / 2021 fejn intbgħatet permezz ta’ imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sinj Joline Attard. |

| | |
|---|---|
| **38.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 38.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fis-6:30p.m |

Konfermati, illum 14 ta' Diċembru 2021

IFFIRMATA__
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv